MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-26 ta' Lulju, 2023

Appell Inferjuri Numru 82/2022 LM

**John Pullicino (K.I. nru. 129267M)**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Awtorità għat-Trasport f'Malta li b'digriet tal-10 ta' Ottubru, 2022, isem l-intimata ġie mibdul għal Awtorità tal-Artijiet**
*('l-appellata')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **John Pullicino (K.I. nru. 129267M)**, [hawnhekk 'l-appellant'], minn deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], tad-9 ta' Marzu, 2023 [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'], li permezz tagħha t-Tribunal ċaħad l-

appell tar-rikorrenti u laqa' l-eċċezzjonijiet tal-Awtorità intimata hawnhekk 'l-appellata'. It-Tribunal ipprefiġġa terminu ta' tletin jum entro liema r-rikorrent għandu jiżgombra mill-art mertu ta' dawn il-proċeduri.

**Fatti**

2. Fir-rikors tal-appell tiegħu quddiem it-Tribunal, ir-rikorrent spjega li huwa ġie notifikat b'ittra uffiċjali datata l-20 ta' Ġunju, 2022, permezz ta' liema huwa ġie infurmat li nħarġet ordni ta' żgumbrament fil-konfront tiegħu u ta' terzi mill-art magħrufa bħala 'Tal-Għallis', limiti tan-Naxxar bin-numru ta' referenza J20163 [hawnhekk 'l-art'], *ai termini* tal-artikolu 9, senjatament is-sub-artikolu 1(a) tiegħu, u tal-artikolu 10 tal-Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-rikorrent spjega li huwa ħassu aggravat b'din l-ordni, għaliex fil-fehma tiegħu l-Awtorità intimata m'għandha l-ebda titolu fuq din l-art. Ir-rikorrent qal ukoll li l-Awtorità intimata trid tipprova dak allegat minnha, jiġifieri li kwalunkwe qbiela ġiet itterminata permezz ta' pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern, u li ġew segwiti d-dettami tal-liġi. Ir-rikorrent qal ukoll li huwa mhux qiegħed jokkupa l-għalqa in kwistjoni mingħajr titolu, iżda b'mod legali stante li martu Miriam Pullicino għandha titolu validu ta' qbiela fuq din l-art. Qal li din l-art oriġinarjament kienet imqabbla lil ċerta Berta Grech (K.I. nru. 694339M), u li martu hija fil-fatt waħda mill-eredi tagħha. Ir-rikorrent qal ukoll li huwa ilu jaħdem din l-art għal żmien twil. Permezz tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent talab lit-Tribunal jogħġbu jħassar, jirrevoka u jikkanċella d-deċiżjoni meħuda fl-ittra tal-20 ta' Ġunju, 2022, permezz ta' liema huwa ġie infurmat li inħarġet ordni ta' żgumbrament fil-konfront tiegħu u ta' terzi mill-art in kwistjoni.

**Mertu**

3. L-Awtorità intimata wieġbet li l-ordni ta' żgumbrament ikkontestata mir-rikorrent inħarġet *ai termini* tal-artikolu 9 *et sequitur* tal-Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan għaliex din l-art qegħda tiġi okkupata mir-rikorrent mingħajr ebda titolu validu fil-liġi. B'riferiment għall-ewwel aggravju tar-rikorrent, l-Awtorità intimata qalet li t-titolu tagħha ġej mill-fatt li din l-għalqa ġiet trasferita lill-Gvern ta' Malta bis-saħħa tal-Att dwar Proprjetà ta' Entitajiet Ekkleżjastiċi, Kap. 358 tal-Liġijiet ta' Malta, u fil-fatt l-art hija rreġistrata f'isem il-Gvern ta' Malta. Qalet li huwa għalhekk li hija obbligata u għandha s-setgħa li tamministra din l-art *ai termini* tal-Kap. 563 u 573 tal-Liġijiet ta' Malta. L-intimata qalet li anki r-rikorrent minn dejjem irrikonoxxa li din l-art hija proprjetà tal-Gvern ta' Malta, kif amministrata minnha, inkluż permezz ta' talbiet dwar din l-art li r-rikorrent għamel f'isem terzi. Qalet li meta l-Uffiċċju Konġunt għadda din il-proprjetà lill-Gvern ta' Malta, kien hemm rikonoxxuti bħala gabillotti fuq dan ir-raba' ċertu Anna Mifsud u Bartholomeo Mifsud. Maż-żmien ġiet rikonoxxuta wkoll Bartholomea Grech, li kienet xebba meta ġiet nieqsa. L-Awtorità intimata qalet li ma sar u ma kien hemm l-ebda rikonoxximent ulterjuri f'dan il-każ.

4. L-Awtorità intimata spjegat li kienet saret talba minn *Wasteserv* Malta sabiex l-art tkun tista' tintuża għal proġett pubbliku għall-*waste disposal.* Qalet li kien għalhekk li hija pproċediet bit-terminazzjoni tal-kirja għal skop pubbliku, skont dak li tgħid il-liġi. Qalet ukoll li fil-każ odjern inħarġet id-dikjarazzjoni taċ-*Chairman* tal-Awtorità tal-Artijiet tat-12 ta' Ġunju, 2020 kif ippubblikata fl-Avviż numru 708 fil-Gazzetta tal-Gvern tat-3 ta' Lulju, 2020, u l-ittra uffiċjali li segwiet. Qalet li fil-każ odjern ma kien hemm l-ebda kirja agrikola li kellha tiġi tterminata,

għaliex ir-rikorrent qatt ma kellu titolu ta' qbiela fuq din l-art. Qalet ukoll li kien ir-rikorrent stess li talab li l-kirja ddur jew fuq Grazia Mifsud jew fuq Miriam Pullicino, u huwa qatt m'għamel talba fir-rigward tiegħu stess. L-Awtorità intimata żiedet tgħid li din it-talba baqgħet ma ġietx milqugħa, bħal ma ġewx milqugħa talbiet għar-rikonoxximent fuq l-istess art, għaliex il-liġi li kienet fis-seħħ meta saru dawn it-talbiet ma kinitx tippermetti t-trasferiment ta' art tal-Gvern bi qbiela lil terzi. L-Awtorità intimata qalet li l-okkupazzjoni ta' din l-art mir-rikorrent kienet u għadha waħda illegali, u qegħda tostakola t-twettiq ta' proġett pubbliku ta' importanza nazzjonali. L-Awtorità intimata qalet li hija lanqas ma taċċetta l-ħlas ta' qbiela fuq din l-art, u lanqas ma saru xi depożiti taħt l-awtorità tal-Qorti fir-rigward ta' qbiela fuq din l-art, u dan għaliex ma kien hemm l-ebda persuna li kellha xi forma ta' titolu fuq l-art. Qalet ukoll li hija adoperat proċess amministrattiv korrett, u trasparenti, u mxiet ma' dak li tgħid il-liġi, u għalhekk m'hemm xejn x'jiġi ċċensurat fid-deċiżjoni tagħha.

5. **Dr Glenise Stivala**, uffiċjal tal-Awtorità intimata xehdet li kienet saret talba mill-Wasteserv sabiex ikun jista' jsir proġett nazzjonali fuq din l-art. Qalet li wara li kien hemm din it-talba, inħarġet ittra ta' terminazzjoni lill-inkwilin tal-art, u sussegwentement l-Awtorità tal-Artijiet ikkonfermat li l-art kienet qiegħda tiġi okkupata minn *squatters* li ma kellhom ebda titolu fuq l-art. Ix-xhud qalet li minħabba f'din l-okkupazzjoni illegali, il-proġett in kwistjoni għadu ma bediex. Qalet ukoll li uffiċjali mit-taqsima tal-infurzar tal-awtorità intimata marru fuq il-post sabiex jikkonfermaw jekk huwiex minnu li din l-art kienet okkupata b'mod illegali, u fil-fatt ġie stabbilit li kien hemm għadd ta' persuni li qegħdin jokkupaw din l-art illegalment. Żiedet tgħid li kien għalhekk li sar rapport lill-Bord tal-

Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet dwar dan. Qalet li l-ittra uffiċjali bit-talba għall-iżgumbrament inħarġet kontra Anthony Sammut, John Pullicino, l-eredi ta' Carmel Grech, Raymond Bonnici, Paul Bonnici u terzi li jista' jkun li mhumiex magħrufa. Qalet li l-ittra oriġinali tat-terminazzjoni ma ġietx ikkontestata. Ix-xhud esebiet għadd ta' dokumenti in sostenn ta' dak li qalet waqt id-depożizzjoni tagħha.

6. **John Pullicino**, fl-*affidavit* tiegħu qal li r-raba' magħruf bħala 'Tal-Għoqod', fil-limiti ta' Ħammut, il-Magħtab, limiti tan-Naxxar kien mikri mill-Gvern lil Berta Grech, li tiġi z-zija tal-mara tiegħu. Ix-xhud qal li Grech mietet fis-27 ta' April, 2015, iżda huwa kien beda jaħdem ir-raba' in kwistjoni minn ferm qabel ma ġiet nieqsa Grech, f'xi żmien fis-snin disgħin. Qal li Berta Grech ma kinitx interessata li taħdem dan ir-raba', u għalhekk kienet fdatu lilu biex jaħdmu hu. Ix-xhud qal li huwa kien jieħu ħsieb jiżra' dan ir-raba' u kien ibiegħ il-prodotti agrikoli li jkabbar. Qal ukoll li mid-dħul kien jaqta' l-ispejjeż, u l-qliegħ kien jaqsmu ma' Grech. Qal ukoll li xi żmien wara huwa kien mar l-Għammieri u rreġistra r-raba' fuq ismu. Qal li b'kollox ir-raba' fih madwar għoxrin tomna. Kompla jgħid li huwa baqa' jaħdem ir-raba' anki wara l-mewt ta' Grech, li ma kellhiex tfal, u li ħalliet bħala werrieta tagħha lil ħutha Salvina Scorfna, Grazia Mifsud u Catherine Galea. Ix-xhud spjega li Grazia Mifsud tiġi omm il-mara tiegħu, iżda peress li kemm hi, kif ukoll ir-raġel tagħha kienu anzjani meta mietet Berta Grech, huma ma ridux jaħdmu raba', u għalhekk dan ir-raba' baqa' f'idejh. Ir-rikorrent qal li wara l-mewt ta' Berta Grech huwa mar id-Dipartiment tal-Artijiet sabiex jiġi rikonoxxut bħala gabillott fuq dan ir-raba', u dakinhar huwa ġie nfurmat li jkun aħjar li jistenna għaliex li kien ser ikun hemm xi tibdil fil-liġi.

Minkejja dan, żied jgħid ir-rikorrent, huwa baqa' jaħdem dan ir-raba'. Qal li maż-żmien huwa għamel talbiet oħra biex jiġi rikonoxxut, iżda baqa' qatt ma rċieva risposta għat-talbiet tiegħu. Ir-rikorrent qal li madwar sentejn qabel, kienu twaħħlu *master plans* mad-dawra tar-raba' kollu peress li kien hemm il-pjan li xi raba' jittieħed mill-Wasteserve. Qal li parti mir-raba' li kien jaħdem hu fil-fatt kien jaqa' f'dan il-pjan, flimkien ma' xi raba' ieħor fl-inħawi tal-Għallis. Qal li l-bdiewa kienu ngħaqdu u pprotestaw kontra dan il-proġett, u fuq il-post kien mar anki l-Prim Ministru li ddawwar mal-post sabiex jara liema raba' kien ser jittieħed għall-proġett. Qal li wara aktar laqgħat u taħdidiet, kien intlaħaq ftehim li r-raba' kollu tal-Għallis li jiġi viċin tiegħu iżda li jinsab in-naħa l-oħra tal-miżbla ma kellux jittieħed, u b'kollox kien hemm madwar mitejn tomna li ma kellhomx jintmessu. Qal li f'każ li l-Wasteserv tiġi bżonn l-art li jaħdem hu, huwa kien ser jiġi kkumpensat b'biċċa art oħra biswit dik li tinsab fil-pussess tiegħu, liema art hija mimlija terrapien, iżda li tista' tiġi riabilitata bit-tfigħ ta' ħamrija mill-għelieqi tiegħu. Ir-rikorrent qal li madwar sena wara huwa tkellem mas-CEO tal-WasteServ sabiex jara dan il-ftehim kif kien ser jiġi attwat, li kien qallu li huwa ma kellux x'jaqsam mat-trasferimenti ta' artijiet, u f'każ ta' diffikultà kellu jitkellem mal-Awtorità tal-Artijiet. Qal li t-talba tiegħu kienet biex it-trasferiment isir skont il-ftehim. Qal ukoll li xi sena qabel huwa kien irċieva telefonata mill-Għammieri sabiex jingħata kumpens tar-raba' ta' erba' snin b'lura, iżda huwa m'aċċettax dawn il-flus minħabba fil-ftehim li kien intlaħaq. Qal li meta ħareġ il-permess biex il-WasteServ tagħmel il-proġett tal-*waste to energy,* kellha tittieħed parti żgħira biss mir-raba' li jinħadem minnu. Qal iżda li ftit ġranet qabel ma fetaħ dawn il-proċeduri, induna li beda t-taħmil tar-raba' in

kwistjoni, u kien għalhekk li huwa ppreżenta proċeduri ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex ix-xogħol jitwaqqaf.

7. Għad-domandi li sarulu in kontro-eżami, ir-rikorrent qal li huwa ma setax jiddepożita l-qbiela taħt l-awtorità tal-Qorti. Qal ukoll li meta huwa ġie infurmat li kien hemm xi arretrati ta' qbiela dovuti, huwa kien informa lill-uffiċjali tal-Awtorità tal-Artijiet li kien dispost iħallashom, iżda kien ġie infurmat li ma setax iħallas dak il-ħin.

8. **Charles Sciberras**, fl-*affidavit* tiegħu qal li huwa kien jirrappreżenta lill-bdiewa li għandhom ir-raba' fl-inħawi tal-Għallis. Qal li huwa kien involut fid-diskussjonijiet li saru mal-awtoritajiet, għaliex il-ħsieb kien li fl-inħawi jinbena inċineratur, u impjanti oħra, u dak iż-żmien huwa tkellem mal-Ministru u mas-CEO tal-WasteServ. Qal li kien intlaħaq ftehim bil-fomm, u l-Gvern kien aċċetta li jirrilaxxa lura ħafna mir-raba' li kien fi ħsiebu jieħu. Qal ukoll li fil-każ ta' John Pullicino kien intlaħaq ftehim li peress li l-inċineratur kien ser isir fir-raba' tiegħu, il-ħamrija ta' dawk l-għelieqi kellha tiġi ttrasferita f'art oħra biswitha li ma kinitx ser tittieħed, sabiex ir-rikorrent ikun jista' jibda juża dik l-art. Qal li wara dak il-ftehim, il-bdiewa tal-inħawi ma reġgħu semgħu xejn aktar.

9. **Richard Bilocca**, Kap Eżekuttiv tal-WasteServ xehed li hemm il-ħsieb li fiż-żona magħrufa bħala 'Ta' Ħammut' isiru tliet impjanti li huma ta' natura essenzjali għall-pajjiż. Qal li wieħed mill-impjanti huwa '*waste-to-energy',* li ser ikun qiegħed jipproċessa 192,000 tunnellata ta' skart fis-sena, billi l-iskart jiddawwar f'enerġija. Qal li maġenbu, ser isir *organic processing plant* li ser ikun qiegħed jieħu madwar 70,000 tunnellata ta' skart organiku fis-sena, li wkoll sal-

lum parti kbira minnu għadha tmur fil-miżbla. Qal li maġenbu imbagħad ser issir *thermal treatment facility* li ser tieħu l-iskart tal-biċċerija u tal-isptar. Qal li dawn kollha huma proġetti kruċjali minħabba li fil-pajjiż ma jistax jibqa' jkun hawn aktar miżbliet. Ix-xhud qal li Malta hija l-unika pajjiż fl-Unjoni Ewropea fejn aktar minn 90% tal-iskart għadu jmur fil-miżbla, u l-obbligu tal-WasteServ huwa li dan il-perċentwali jinżel għal 10%. Qal ukoll li dan l-iskart m'għandux fejn imur. Ix-xhud kompla jgħid li l-*footprint* tal-kumpless tal-Magħtab huwa akbar mill-Belt Valletta, u wara li kien hemm il-protesta mill-bdiewa tal-inħawi, huwa anki kellu mandat ċar biex jara kif ser inaqqas it-teħid tal-volum tal-art għar-rimi tal-iskart. Qal li l-uniku mod kif titnaqqas din il-'*landgrab'* huwa billi l-Gvern jesproprja parti mill-art sabiex isiru dawn il-proġetti. Qal li t-*time-frames* ta' kif kienu ppjanati li jsiru dawn l-impjanti tqassru biex jibda jitnaqqas il-materjal li jmur fil-miżbla. Qal li f'każ li l-proġetti maħsuba ma jsirux, il-volum tal-art li tittieħed mingħand il-bdiewa fl-inħawi irid jikber għaliex l-iskart mhux se jkollu aktar fejn imur. Ix-xhud spjega li bl-impjanti maħsuba, l-iskart ser jintuża biex tiġi prodotta l-enerġija ħadra, u biex minflok tinħoloq problema bħal ma hija l-Magħtab, tkun qegħda tinħoloq riżorsa. Qal li għalhekk il-ħsieb huwa li ż-żona tintuża għal proġetti ta' natura vitali, u dan huwa l-akbar investiment infrastrutturali pproġettat mill-Gvern. Ix-xhud qal li dan il-proġett ser jiswa man-nofs biljun Euro. Żied jgħid ukoll li kull dewmien fit-tkomplija ta' dan il-proġett ser ikompli jaggrava l-problema għaliex l-iskart m'hemmx aktar fejn imur. Ix-xhud qal ukoll li fil-laqgħat li kellu mal-bdiewa fl-inħawi u r-rappreżentanti tagħhom, huwa qatt ma ta l-impressjoni li l-ħamrija tista' tiċċaqlaq minn art għal oħra, iżda li huwa favur li dan il-proċess jiġi ffaċilitat għall-bdiewa fl-inħawi. Ix-xhud spjega wkoll li l-mod kif jaħdmu dawn l-impjanti jagħmel tajjeb għall-bdiewa, u l-iskart

li ser jiġġeneraw dawn l-impjanti jista' jiġi ddepożitat direttament fil-miżbla, u għalhekk jagħmel sens li dawn l-impjanti jkunu parti minn proġett fl-inħawi tal-Magħtab. Qal ukoll li l-proġetti ma jistgħux jistennew, u dewmien ifisser danni u telf ta' miljuni ta' Euro għall-Wasteserv.

**Is-Sentenza Appellata**

10. Permezz tas-sentenza mogħtija fid-9 ta' Marzu, 2023, it-Tribunal iddeċieda l-vertenza li kellu quddiemu billi ċaħad l-appell tar-rikorrent u laqa' l-eċċezzjonijiet tal-Awtorità intimata, filwaqt li *ai termini* tal-artikolu 16(2) tal-Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta, ipprefiġġa terminu ta' tletin jum entro liema r-rikorrent kellu jiżgombra minn din l-art, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"**Ikkunsidra:***

*Illi r-rikorrent ħassu aggravat b'deċiżjoni tal-Awtorità intimata kif kontenuta f'ittra uffiċjali datata 20 ta' Ġunju, 2022, li permezz tagħha ġie mitlub jiżgombra mill-għalqa magħrufa bħala Tal-Għallis, fil-limiti tan-Naxxar bin-numru ta' referenza J20163 u dana ai termini tal-artikoli 9(1) (a) tal-Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċioe illi kien qiegħed jokkupaha mingħajr ebda titolu validu fil-liġi.*

*Illi l-aggravju prinċipali mressaq fir-rikors promutur huwa illi r-rikorrent qiegħed jokkupa l-għalqa in kwistjoni b'titolu validu ta' qbiela u dana għaliex huwa jiġi r-raġel ta' waħda mill-eredi li favur tagħha kien hemm il-kirja de quo, u ċioe Berta Grech.*

*Illi stranament però, minkejja din l-affermazzjoni, fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu r-rikorrent qajjem dubju jekk l-art li huwa jokkupa hijiex l-istess art li tikkonfigura fl-ittra uffiċjali impunjata. Dan it-Tribunal iqis li dan huwa biss tentattiv biex jipprova joħloq konfużjoni fejn konfużjoni proprju ma hemmx. Illi dan it-Tribunal ra l-*case officer report *li minnu jirriżulta illi s-sit in kwistjoni iġib ir-referenza J20163, u ċioe l-istess numru ta' referenza li ġie kkwotat fl-ittra uffiċjali. Di più mill-istess* case officer report *jirriżulta illi dan is-sit kien imqabbel lil ċerta Bartolomea Grech, li mir-rikors promutur jirriżulta illi tagħha mart ir-rikorrenti hija eredi. Iktar minn hekk jirriżulta illi*

*fis-6 ta' Novembru, 2017 (fn. 1 dokument JP13 a fol. 101), ir-rikorrent, għan-nom ta' martu Miriam Mifsud u ċerta Grazia Mifsud, kien ressaq talba mal-Awtorità intimata biex jiġu rikonoxxuti minflok Bartolomea Grech, liema talba ġiet rifjutata peress li dak iż-żmien il-qbiela ma setgħetx tiġi trasferita fuq terzi. L-istess talba ressaqha wkoll permezz ta' ittri ulterjuri datati 21 ta' Frar, 2019 (fn. 2 dokument JP14 a fol. 102) u 7 ta' Mejju, 2019. (fn. 3 Dokument JP15 a fol. 103) Illi għalhekk f'moħħ dan it-Tribunal m'hemm ebda dubju illi l-art li dwarha intalab l-iżgumbrament hija l-art li preżentement tinsab okkupata mir-rikorrent. Illi iktar minn hekk flimkien mal-ittra uffiċjali ġiet annessa pjanta tat-territorju mertu tal-istess ittra u kwindi fil-fehma tat-Tribunal li kieku r-rikorrent ħass li huwa ma kienx qiegħed jokkupa l-istess territorju jew parti minnu ma kellux għalfejn jintavola dan l-appell peress li l-effetti ta' dik l-ittra uffiċjali ma kinux ser ikunu ta' preġudizzju għalih. It-Tribunal iżid li fl-affidavit tiegħu stess ir-rikorrent jistqarr illi madwar xi sentejn u nofs ilu kienu twaħħlu* master plans *mad-dawra tar-raba' kollu peress li kien hemm pjan li xi raba' jittieħed mill-Wasteserv. It-Tribunal jagħmel referenza wkoll għall-ittra li d-difensur tar-rikorrent bagħat lill-Awtorità intimata fil-31 ta' Awwissu, 2020 fejn infurmaha li kien sar ftehim bejn il-Ministru (fn. 4 mingħajr referenza għal liema Ministru) u l-Wasteserv illi "*għalkemm din il-biċċa art ser tittieħed u tingħata lill-Wasteserv il-klijent tiegħi jingħata biċċa art alternattiva biswitha u l-ħamrija li titneħħa tintefa' f'din l-art ta' biswitha.

Nitolbok tikkonferma li ser jiġi attwat dan il-ftehim." *(fn. 5 dokument JP 19 a fol. 107)*

*Ittra legali oħra ntbagħtet fis-27 ta' Ottubru, 2020 lill-Prim'Ministru ta' Malta fejn intqal hekk:*

"Il-klijent tiegħi qiegħed jaħdem biċċa raba' u razzett miegħu msejħa "Tal-Għoqod" fil-limiti ta' Ħammut, Magħtab, limiti tan-Naxxar. Dan ilu jaħdmu għal dawn l-aħħar għoxrin sena u ilha b'titolu ta' qbiela fil-familja.

Riċentament, peress illi l-art ser tittieħed biex isir l-inċineratur il-ġdid, sar ftehim bejn ir-rappreżentanti tal-bdiewa u s-CEO tiegħek, il-Ministru tal-Ambjent u l-Wasteserv dwar x'kellu jiġri minn dawk il-bdiewa fl-inħawi.

Il-klijent tiegħi ġie mwiegħed illi jingħata biċċa art alternattiva biswit ir-raba' li ser titteħidlu u l-ħamrija li titneħħa tintefa' f'din l-art ta' biswitha.

Nitolbok l-intervent tiegħek." *(fn. 6 dokument JP 20 a fol. 108)*

*Illi kif ġia ingħad aktar 'il fuq, in vista ta' dan kollu, it-Tribunal huwa tal-fehma illi r-rikorrent kien ben konsapevoli dwar liema art kienet fil-pjan li tittieħed għall-proġett tal-Wasteserv.*

*Illi r-rikorrent qiegħed jikkontesta wkoll it-titolu li għandha l-Awtorità intimata fuq is-sit in kwistjoni. Dr. Glenise Stivala ppreżentat Dokument GS6 a fol. 70 li minnu jirriżulta li l-*ante causa *ta' Bartolomea Grech, u ċioe Anna u Bartolomeo Mifsud kienu ngħataw l-art bi qbiela mingħand il-Knisja, liema art sussegwentement għaddiet għand il-Gvern ta' Malta permezz tal-ftehim tat-18 ta' Frar, 1993 bejn l-Istat u l-Knisja. Illi t-Tribunal jirrileva illi kien l-istess rikorrent, kif ġia ingħad aktar 'il fuq, li kiteb għar-rikonoxximent fuq l-istess art ta' martu u terz, għal iktar minn darba, u dan għamlu lill-Awtorità intimata. Kwindi huwa biss meta ġie rinfaċċjat b'Ordni ta' Żgumbrament li qiegħed jikkontesta t-titolu tal-istess art, liema kontestazzjoni però hija waħda bla ebda bażi legali.*

*Illi sorvolata din il-kwistjoni, it-Tribunal se jinvesti kwistjoni oħra preliminari li tqajmet fin-Nota ta' Sottomissjonijiet, u ċioe illi l-uffiċjal tal-Awtorità intimata Dr. Glenise Stivala ma ddikjaratx x'konnessjoni u funzjoni għandha mal-Awtorità intimata. Illi t-Tribunal josserva illi Dr. Glenise Stivala xehdet fuq talba tat-Tribunal innifsu <u>bħala rappreżentant tal-Awtorità intimata</u>. Kwindi l-artikolu 573A tal-Kapitolu 12 ċitat mir-rikorrenti ma jinkwadrax f'din iċ-ċirkostanza. It-Tribunal josserva wkoll illi l-istess xhud kienet il-persuna li ffirmat l-ittra uffiċjali mpunjata u wkoll il-persuna li rrediġiet ir-rapport li tressaq quddiem il-Bord tal-Gvernaturi. Illi t-Tribunal jirrileva wkoll illi a fol. 32 hemm indikazzjoni ċara tal-pożizzjoni li Dr. Glenise Stivala għandha fl-Awtorità intimata, u ċioe* Senior Professional Officer Agricultural Property.

*Illi fir-rikors promutur, ir-rikorrent irrileva wkoll illi l-Awtorità intimata kellha tipprova li l-qbiela kienet ġiet terminata permezz ta' pubblikazzjoni fil-Gazzetta ta-Gvern. Illi l-Awtorità esebiet estratt mill-Gazzetta tal-Gvern ippubblikata fit-3 ta' Lulju, 2020 fejn saret dikjarazzjoni da parti tal-Awtorità li biċċa art tal-kejl ta' 26,570 metru kwadru parti minn* tenement *numru J20163 kienet meħtieġa għal skop pubbliku. Illi* ai termini *tal-artikolu 24 tal-Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta, meta l-Awtorità intimata tkun tixtieq twaqqaf kirja ta' raba' għal skop pubbliku, hija għandha tgħarraf b'dan lill-kerrej permezz ta' att ġudizzjarju. Illi però t-Tribunal iqis li r-rikorrent mhuwiex il-kerrej tal-art in kwistjoni u kwindi l-Awtorità intimata ma kellha l-ebda obbligu tipproċedi bil-proċess hawn fuq deskritt fil-konfront tiegħu. Fil-fehma tat-Tribunal lanqas kellha għalfejn tipproċedi b'att ġudizzjarju fil-konfront tal-kerrejja rikonoxxuta minnha ladarba din kienet ġiet nieqsa fl-2015 u ħadd ma ġie rikonoxxut minflokha.*

*Illi sorvolati l-kwistjonijiet li fil-fehma tat-Tribunal kienu preliminari, se tiġi nvestita issa jekk l-Awtorità intimata pproċedietx korrettement fil-konfront tar-rikorrent.*

*Illi mix-xhieda ta' Richard Bilocca, Kap Eżekuttiv ta' Wasteserv Malta Limited, jirriżulta illi l-istess kumpannija għandha proġett fiż-żona fejn hemm l-għelieqi in kwistjoni fejn*

*se jiġu installati impjanti* waste-to-energy *li se jipproċessaw eluf ta' tunnellati ta' skart fis-sena. Huwa xehed dwar l-importanza ta' dan il-proġett u li sabiex jiġi rrealizzat hemm bżonn żona ta' art konsiderevoli. Spjega li l-miżbliet preżenti huma kważi kollha mimlija bl-iskart u kwindi teżisti problema fiżika fejn se jmur l-iskart. Barra minn hekk hemm ukoll obbligi legali derivanti mill-Unjoni Ewropea sabiex jitnaqqas l-iskart li jmur ġo miżbla. Kien għalhekk li l-Wasteserv bdiet taħdem biex l-iskart jinbidel f'enerġija. Spjega wkoll illi iktar ma jiġi pospost l-implimentazzjoni ta' dan il-proġett iżjed se jinħolqu problemi anke mil-lat finanzjarju.*

*Illi min-naħa l-oħra r-rikorrent jistqarr illi huwa ilu jaħdem ir-raba' in kwistjoni għal snin twal u dan wara li l-kerrejja rikonoxxuta Berta Grech, li tiġi z-zija tal-mara tiegħu, ma kinitx interessata li taħdem l-istess raba' u tatulu biex jaħdmu hu. Jirriżulta illi Berta Grech ġiet nieqsa fl-2015 u wirtuha ħutha, fosthom il-kunjata tar-rikorrent.*

*Illi għalhekk jirriżulta illi għalkemm ir-rikorrent jisħaq illi għandu titolu validu ta' qbiela fuq l-art in kwistjoni, il-fatti juru mod ieħor. Jirriżulta li wara l-mewt ta' Berta Grech l-Awtorità intimata ma rrikonoxxiet lil ħadd bħala kerrej sakemm fl-2020 itterminat il-kirjiet li kien hemm fuq it-*tenement *in kwistjoni u dana stante li l-istess art kienet ġiet mitluba mill-Wasteserv għal proġett ta' pproċessar ta' skart. (fn. 7 ara Dokument GS4 a fol. 36) Illi dan it-Tribunal ma huwiex tal-fehma illi r-rikorrent għandu raġun fl-ebda wieħed mill-aggravji mressqa minnu. Il-fatt li ilu jaħdem dan ir-raba' għal żmien twil ma joħloq favur tiegħu ebda dritt li jkompli fit-tgawdija tal-istess raba'. Illi għaldaqstant, indipendentement mill-proġett ta' importanza nazzjonali li hemm ippjanat fiż-żona in kwistjoni, ir-rikorrenti għandu jivvaka mill-art in kwistjoni.*

*Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jikkonvalida l-effetti tal-ittra uffiċjali numru 2648/22 datata 20 ta' Ġunju, 2022.*

***DECIDE***

*Għaldaqsant it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq premessi, qiegħed jiċħad l-appell tar-rikorrent u jilqa' l-eċċezzjonijiet tal-Awtorità intimata.* Ai termini *tal-artikolu 16(2) tal-Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta t-Tribunal qiegħed jipprefiġġi terminu perentorju ta' tletin (30) ġurnata entro liema r-rikorrent għandu jiżgombra mill-art in kwistjoni.*

*Spejjeż a karigu tar-rikorrent."*

**L-Appell**

11. Ir-rikorrent ressaq l-appell tiegħu minn din is-sentenza permezz ta’ rikors tal-appell tad-29 ta’ Marzu, 2023, fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tħassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenza fl-ismijiet premessi mogħtija mit-Tribunal ta’ Reviżjoni Amministrattiva fid-9 ta’ Marzu, 2023, u konsegwentement tilqa’ t-talbiet tal-appellant fir-rikors tiegħu, u tħassar, tirrevoka u tikkanċella l-ordni ta’ żgumbrament kif kontenuta fl-ittra tal-20 ta’ Ġunju, 2022.

12. L-appellant qal li huwa ħassu aggravat b’dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sar kumment fis-sens li l-appellant ħareġ bis-sottomissjoni dwar in-nuqqas ta’ titolu tal-Awtorità tal-Artijiet, sabiex jipprova joħloq konfużjoni fejn konfużjoni m’hemmx. Qal li huwa ma ssollevax dan il-punt biss fin-nota ta’ sottomissjonijiet tiegħu, iżda anki fir-risposta tiegħu, fejn qal li huwa qiegħed jikkontesta li l-Awtorità tal-Artijiet għandha xi titolu fuq din l-art. Qal li għalhekk għandu jirriżulta li din is-sottomissjoni min-naħa tiegħu tqajmet sa mill-bidu nett ta’ dawn il-proċeduri.

13. L-appellant qal li t-Tribunal qal ukoll li fil-*case officer report* hemm referenza għan-numru J20163, li huwa l-istess numru li hemm fl-ittra uffiċjali, u li l-Ewwel Qorti kkonkludiet li dan is-sit kien l-istess wieħed li kien imqabbel lil Bartolomea Grech, u mart l-appellant hija l-eredi ta’ Grech. Qal iżda li l-appellata kellha mhux biss tipprova dan, iżda kellha wkoll tipprova li l-art bin-numru J20163 imsemmija fl-ittra uffiċjali hija l-istess art li qegħda tinħadem mill-appellant, u li fuqha l-appellant jgħid li għandu titolu ta’ qbiela. Qal li l-Awtorità appellata kellha wkoll tipprova li l-art f’idejn l-appellant hija l-istess art li ġiet

mgħoddija lill-awtorità jew lill-predeċessur tagħha fit-titolu. L-appellant qal li fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu huwa qal li l-art imsemmija għandha denominazzjonijiet differenti, u fil-*files* tal-Awtorità appellata hemm riferiment għal tliet persuni differenti ta' persuni rikonoxxuti bħala inkwilini. Qal li l-uniku dokument rilevanti mid-dokumenti esebiti, huwa d-dokument intitolat *"Dettalji dwar proprjetà immobbli ekkleżjastika mgħoddi lill-Istat Malti"*, iżda dan id-dokument ma jirreferix għall-art mertu tal-ittra uffiċjali iżda għal art oħra. Qal li dan id-dokument isemmi l-art "Tal-Għallis, Naxxar", iżda l-art maħduma minnu hija magħrufa bħala "Tal-Għoqod", fil-limiti ta' Ħammut, il-Magħtab, limiti tan-Naxxar. Qal ukoll li minkejja li fil-*file* tal-Awtorità hemm riferiment għal Bartolomea Grech bħala l-aħħar inkwilina rikonoxxuta, li jidher li hija z-zija ta' martu, fl-istess waqt hemm riferiment ukoll għal Anna Bartolomea Mifsud u Bartolomea Galea. Qal li f'dan id-dokument jissemma wkoll ċertu Anthony Sammut. Qal li għalhekk bid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal, l-Awtorità appellata ser tkun ħadet sentenza li ma tistax tiġi esegwita kontra tiegħu, għaliex *si tratta* ta' art li mhijiex dik maħduma minnu.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

14. L-Awtorità appellata fir-risposta tagħha qalet li l-ewwel aggravju tal-appellant huwa wieħed infondat u frivolu. Qalet li mill-parti rilevanti tas-sentenza appellata, ma jirriżultax li t-Tribunal sostna li l-appellant ma kkontestax it-titolu tal-Awtorità jew li ħareġ biss b'dan l-aggravju fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu. Qalet li għalhekk għandu jirriżulta li dan l-aggravju huwa wieħed fittizju u huwa frivolu u vessatorju fl-intier tiegħu. L-Awtorità appellata żiedet tgħid li, mis-sentenza appellata għandu jirriżulta li l-unika

konfużjoni li jagħmel riferiment għaliha t-Tribunal, huwa l-fatt li fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, l-appellant qajjem dubju dwar jekk l-art mertu tal-ittra uffiċjali hijiex l-istess art li jaħdem hu. Qalet li din il-kwistjoni hija kompletament indipendenti mill-aggravju dwar it-titolu tal-Awtorità appellata. L-appellata qalet li apparti li għandu jirriżulta li l-appellant huwa fattwalment skorrett, għandu jirriżulta wkoll li dan l-aggravju ma jistax jimpinġi fuq il-mertu, u dan ladarba dik l-istess eċċezzjoni ġiet trattata u ġiet debitament ikkonsidrata mit-Tribunal fis-sentenza tiegħu. L-appellata qalet li t-Tribunal għalhekk kien korrett hekk kif fis-sentenza tiegħu mkien ma jingħad li din l-eċċezzjoni tressqet fl-istadju tas-sottomissjonijiet.

15. L-Awtorità appellata qalet li permezz tat-tieni aggravju, l-appellant jgħid li l-Awtorità appellata kellha tipprova li (i) l-art bin-numru J20163 msemmija fl-ordni ta' żgumbrament, fil-fatt hija l-istess art li qegħda tinħadem minnu u li fuqha jsostni li għandu titolu ta' qbiela, u (ii) li din hija l-istess art li ġiet mgħoddija lilha mill-Knisja. Qalet li dan fil-fatt huwa l-punt li dwaru l-appellant jipprova jqajjem konfużjoni, u fil-fatt dan kien punt li tqajjem biss fin-nota ta' sottomissjonijiet u li dwaru ma tressaq l-ebda aggravju formali. Qalet li għandu jirriżulta wkoll li l-art li dwarha rċievha l-ittra uffiċjali l-appellant, hija fil-fatt l-istess art li tinħadem minnu. Qalet li mir-rikors promutur għandu jirriżulta li l-appellant jirreferi għal din l-art bħala "għalqa magħrufa tal-Għallis fin-Naxxar bin-numru ta' referenza J20163", u li huwa ddikjara m'għandu l-ebda titolu fu, iżda hija martu li għandha titolu ta' qbiela fuqha. Qalet li flimkien mal-ittra uffiċjali tagħha, hija esebiet ukoll pjanta li turi t-*tenement* li dwaru qed tinħareġ din l-ittra, u għalhekk ma tħalli l-ebda dubju dwar liema hija l-art li dwarha

inħarġet l-ordni ta' żgumbrament. Qalet li l-appellant kien u għadu jokkupa parti minn dak l-istess *tenement* u mill-art indikata f'dik il-pjanta, u mal-*affidavit* tiegħu stess huwa annetta pjanta li turi r-reġistrazzjonijiet li l-appellant għamel mal-Għammieri sabiex juri liema huwa r-raba' li jinħadem minnu. Qalet li dawn il-pjanti jikkombaċjaw preċiżament mal-ħbula li jiffurmaw parti mid-delineazzjoni fuq il-pjanta PD 2019_0404_1, jiġifieri t-*tenement* li l-appellant qiegħed jintalab jiżgombra minnu.

16. L-Awtorità appellata qalet li anki fl-*affidavit* tal-appellant jirriżulta li huwa ċert li l-ittra uffiċjali li rċieva tirreferi għall-art okkupata minnu, u li kieku ma kienx hekk, huwa ma kien ikollu l-ebda ħtieġa li jibda dawn il-proċeduri. Qalet li fl-*affidavit* tiegħu, jirriżulta li l-appellant huwa ċert li l-ittra uffiċjali li rċieva tirrigwarda l-istess art minnu okkupata, u li kieku ma kienx hekk, lanqas kien ikollu l-ħtieġa jibda dawn il-proċeduri. Barra minn hekk, fl-affidavit tiegħu l-appellant jindika li dik l-art hija proprjetà tal-Gvern ta' Malta, u lanqas dwar dan l-appellant ma kellu dubju, tant huwa hekk li huwa għamel talba għar-rikonoxximent għan-nom ta' terzi mill-Gvern ta' Malta, fejn hemm riferiment għas-*site plan* li tindika r-raba' li kien jinħadem mill-appellant u liema hija l-istess art. L-appellata qalet li għalhekk ma jifdal l-ebda dubju li l-art li minnha r-rikorrent kien ordnat jiżgombra, hija l-istess art identifikata fuq l-ittra uffiċjali.

17. L-appellata qalet li minkejja li l-appellant jittenta jqajjem dubju dwar jekk l-Awtorità appellanta hijiex sid ta' din l-art, l-appellant naqas milli jippreżenta prova jew oħra dwar dan, anzi mill-provi esebiti minnu stess jirriżulta li huwa dejjem irrikonoxxa lill-Awtorità bħala s-sid ta' din l-art. Qalet li hija ppreżentat il-*property form* li tagħti deskrizzjoni tal-art li għaddiet mingħand l-Uffiċċju

Konġunt lill-Gvern ta' Malta, u fl-istess formula hemm ukoll identifikata l-persuna li kienet rikonoxxuta bħala gabillotta dak iż-żmien. Qalet li meta wieħed jifli l-inkartament relattiv, jirriżulta ċar li r-referenza unika għall-*file* tal-art mertu ta' dawn il-proċeduri huwa dak 'J20163-A3014/1997', u din hija prova indiskutibbli li dawn id-dokumenti kollha jirreferu għal din l-art. L-Awtorità appellata qalet li l-appellant ma ġab l-ebda prova dwar l-allegazzjonijiet imressqa minnu, u għalhekk ma hemm l-ebda dubju dwar it-titolu tal-Gvern ta' Malta u l-amministrazzjoni tal-Awtorità tal-Artijiet fuq din l-art.

18. L-Awtorità appellata għamlet riferiment ukoll għat-tielet aggravju mressaq mill-appellant, dwar l-ismijiet varji li bihom tiġi ndikata l-art. Qalet li fejn jidħol ir-raba', hija prassi u użanza ordinarja li proprjetà tkun magħrufa b'aktar minn isem wieħed, u fil-fatt fil-każ odjern, filwaqt li l-appellant jirreferi għal din l-art bħala 'tal-Għoqod' fil-limiti ta' 'Ħammut', il-Magħtab, in-Naxxar, l-Awtorità appellata tirreferi għal din l-art bħala 'Tal-Għallis' fil-limiti tan-Naxxar. Qalet iżda ma hemm xejn li jindika li din mhijiex l-istess art. Żiedet tgħid li flimkien mal-ittra uffiċjali tagħha, hija esebiet pjanta li telimina kull dubju dwar liema hija l-art li l-appellant qiegħed jintalab jiżgombra minnha, u dan għaliex mill-pjanta esebita għandu jirriżulta li din hija l-istess art. Qalet ukoll li m'hemm l-ebda dubju li l-aħħar persuna rikonoxxuta fuq din l-art kienet Bartolomea Grech, li ġiet nieqsa fis-27 t'April, 2015, u l-appellant kien jaf b'dan, tant hu hekk li kien jirreferi għal din il-persuna u n-numru tal-karta tal-identità tagħha fil-korrispondenza tiegħu. Qalet li għalhekk mhux minnu li fuq din l-art kien hemm terzi rikonoxxuti flimkien ma' Grech, kif jipprova jagħti l-impressjoni l-appellant. L-appellata qalet li l-provi miġjuba juru li l-appellant minn dejjem kien konxju li

huwa ma kellu l-ebda titolu fuq din l-art, u li hu qatt ma seta' jkollu titolu fuqha. Qalet li t-talbiet li għamel huwa stess fuq l-għalqa in kwistjoni jixhdu dan kollu, u l-appellant xehed ukoll li huwa qatt ma ħallas qbiela fuq din l-art. L-appellata qalet li għandu jirriżulta bl-aktar mod ċar li l-appellant ressaq appell li huwa frivolu u vessatorju, intiż biex jikkonfondi fatti ppruvati u stabbiliti, u li jipprolungaw l-iżgumbrament tiegħu minn fuq l-art mingħajr raġuni valida. Qalet li dan id-delungar ifisser ukoll li l-proġett maħsub għaż-żona ma jistax jitkompla. Finalment, l-appellata qalet li hija imxiet kif għandu jimxi *bonus paterfamilias,* u skont id-dettami tal-liġi sabiex waslet għad-deċiżjoni tal-żgumbrament. Qalet li m'għandu jkun hemm l-ebda dubju liema hija l-art li l-Awtorità ordnat lill-appellant jiżgombra minnha, u li din l-art fil-fatt hija okkupata mill-appellant.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

19. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellant fid-dawl ta' dak li ddeċida t-Tribunal, u dan filwaqt li ser tieħu wkoll in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet magħmula mill-Awtorità appellata fir-risposta tagħha.

*L-ewwel aggravju: [il-kontestazzjoni tat-titolu tal-Awtorità appellata]*

20. L-appellant qal li huwa ħassu aggravat għaliex it-Tribunal fis-sentenza tiegħu għadda kumment fis-sens li l-appellant ipprova joħloq konfużjoni, meta qal li l-Awtorità tal-Artijiet ma rnexxilhiex tipprova li għandha titolu fuq l-art. Qal

li huwa ssolleva eċċezzjoni dwar dan anki fir-risposta tiegħu, u għalhekk mhux minnu dak li qal it-Tribunal li huwa qajjem dan il-punt biss fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu bil-ħsieb li joħloq xi forma ta' konfużjoni, għaliex huwa qajjem dubji dwar it-titolu tal-Awtorità appellata sa mill-bidu ta' dawn il-proċeduri.

21. Il-Qorti tqis li dan l-aggravju huwa wieħed kemmxejn fazzjuż, għaliex mhux minnu li t-Tribunal qal li kien biss fin-nota ta' sottomissjonijiet li l-appellant qajjem dubji dwar it-titolu tal-Awtorità tal-Artijiet fuq l-art, jew li dan sar biex l-appellant jipprova jiżgwida lit-Tribunal. Iżda mill-atti jirriżulta bl-aktar mod ampju li din l-eċċezzjoni ma kellhiex tintlaqa', u kienet waħda mingħajr bażi. Mill-provi prodotti jirriżulta li l-art mertu ta' dawn il-proċeduri u li minnha l-appellant qiegħed jintalab jiżgombra għaliex m'għandu l-ebda titolu fuqha, u l-Gvern għandu bżonnha għal proġett ta' importanza nazzjonali, kienet fil-passat art amministrata mill-awtoritajiet ekkleżjastiċi, li ddevolviet favur il-Gvern ta' Malta *ai termini* tal-Kap. 358 tal-Liġijiet ta' Malta. Id-dettalji kollha ta' din l-art, inkluż id-denominazzjoni tagħha, l-isem tal-gabillotti li kienu rikonoxxuti fil-qbiela, u dettalji oħra huma inklużi fil-*property form* esebita. L-appellant jaf u jirrikonoxxi li huwa la għandu titolu fuq din l-art u qatt ma ħallas qbiela fuqha. L-appellant innifsu jgħid li meta pprova jikseb rikonoxximent fit-titolu ta' qbiela għalih jew għal martu, li hija eredi diretta ta' Bartolomea Grech, huwa kien ġie infurmat li trasferiment ta' qbiela b'dan il-mod ma kienx possibbli għaliex Bartolomea Grech ma kelliex dixxendenti fil-linja diretta, u għalhekk ma kellhiex 'membri tal-familja' kif jipprovdi l-Kap. 199 tal-Liġijiet ta' Malta. B'hekk jirriżulta li kwalsiasi okkupazzjoni tal-art minn persuna jew persuni li jippretendu li huma

l-eredi ta' Bartolomea Grech, hija illegali u mingħajr titolu validu fil-liġi. Jirriżulta wkoll li l-appellant minn dejjem irrikonoxxa t-titolu tal-Gvern jew tal-Awtorità tal-Artijiet fuq l-art, tant huwa hekk li ressaq it-talbiet għal rikonoxximent quddiem din l-istess Awtorità. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, tqis li l-ewwel aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

*It-tieni aggravju:* *[prova li l-art meħtieġa għall-proġett hija l-istess art li tinħadem minnu]*

22. L-appellant jgħid li l-Awtorità tal-Artijiet kellha ġġib prova li t-*tenement* bin-numru ta' referenza J20163 huwa l-istess art li jaħdem hu, u li din l-art għaddiet għand il-Gvern mingħand il-Knisja.

23. Din il-Qorti kkunsidrat id-diversi pjanti esebiti quddiem it-Tribunal, u kkunsidrat b'attenzjoni speċjali s-superimpożizzjoni li saret mill-Awtorità tal-Artijiet fir-risposta tagħha, li turi bl-aktar mod ċar li l-artijiet irreġistrati mill-appellant mal-Għammieri huma l-istess artijiet amministrati mill-Awtorità tal-Artijiet li minnhom l-appellant qiegħed jintalab jiżgombra għaliex huma intiżi għall-proġett tal-Wasteserv. Is-superimpożizzjoni li saret b'ċerta teknika u ħila, ma tħalli l-ebda dubju f'moħħ din il-Qorti li fil-fatt, lil hinn mid-denominazzjoni tal-art u fatturi oħrajn, l-art li tinħadem mill-appellant hija effettivament l-istess art li kienet imqabbla lil Bartolomea Grech, u hija l-istess art li fuqha hemm impjanat li jsir proġett ta' importanza nazzjonali mill-WasteServ. Fil-fatt, lil hinn mid-denominazzjoni tal-art, jirriżulta li t-*tenement* irreġistrat bin-numru J20163 hija l-art in kwistjoni, u li m'hemm l-ebda art oħra li qegħda tiġi kkonsidrata għall-finijiet tal-imsemmi proġett.

*It-tielet aggravju:* *[id-denominazzjonijiet varji tal-art]*

24. L-appellant iqanqal dubju dwar il-fatt li l-art in kwistjoni hija magħrufa b'denominazzjonijiet differenti, u jgħid li huwa jaħdem l-għalqa magħrufa bħala "Tal-Għoqod" fil-limiti tan-Naxxar, filwaqt li l-art li minnha qiegħed jintalab l-iżgumbrament hija magħrufa bħala "Tal-Għallis".

25. Il-Qorti tqis li tenut kont tal-provi u d-dokumenti esebiti fl-intier tagħhom, għandu jirriżulta mingħajr ebda ombra ta' dubju li l-art li tinħadem mir-rikorrent hija l-istess art li qiegħed jintalab l-iżgumbrament minnha sabiex ikun jista' jsir proġett ta' importanza nazzjonali. L-isem tal-art mhux daqstant importanti, għalkemm huwa fatt magħruf li l-għelieqi u r-raba' ħafna drabi jkollhom denominazzjonijiet differenti, u fil-każ odjern m'hemm xejn li jindika li r-raba' li l-appellant jiddeskrivi bħala "tal-Għoqod" mhuwiex qiegħed fl-inħawi magħrufa bħala "Tal-Għallis", kif inhu magħruf it-torri li hemm fl-inħawi. Li huwa ta' rilevanza assoluta f'dan il-każ huwa li meta ssir superimpożizzjoni tad-diversi bċejjeċ ta' art li jaħdem l-appellant u li huwa rreġistra f'ismu mal-Għammieri, jirriżulta li dawn l-artijiet jaqgħu ġewwa t-territorju fejn huwa ppjanat li jsir l-imsemmi proġett ta' importanza nazzjonali. Għaldaqstant il-Qorti tqis li dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

## Decide

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi l-appell tal-appellant billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri fiż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**